# Animazzjoni għall-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 11 ta' Novembru 2018

IT-XXXIII Ħadd ta' Matul is-Sena

Sena B

## Introduzzjoni

Illum il-Knisja qed tiċċelebra t-tlieta u tletin Ħadd ta' Matul is-Sena u l-jum dinji tal-faqar. Il-liturġija tal-lum tfakkarna li fl-aħħar ta' ħajjitna dak it-tajjeb li nkunu għamilna, ħa jiġi mgħadud quddiem Alla.

Nagħtu bidu għal dan is-sagrifiċċju tal-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Liturġija tal-Kelma

Fil-qari tal-lum, aħna għandna niftakru li fl-aħħar it-tajbin għad jieħdu l-ħlas tagħhom quddiem Alla u li għalhekk l-intenzjoni tagħna twassalna għal Alla.

Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

Għas-Salm Responsorjali: *Ħarisni, o'Alla, għax fik jien nistkenn*

## Offertorju

Fi spirtu ta' tama għal dak li ġej ejjew nofru ħajjitna ma dawn l-offerti biex inkunu fil-preżenza t'Alla.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti lejn l-altar, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

Fi spirtu ta' ġabra ejjew nersqu għat-tqarbin filwaqt li nkantaw flimkien.